MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1679/2004

**Olga Agapova (20452A) u**
**Oleg Agapov**

**Vs**

**Penelope Lee**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm535 (hames mija u hamsa u tletin lira Maltin) rapprezentanti hsarat sofferti mill-attur in konsegwenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh bejn il-karozza ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni GAM 569 u l-karozza PEN 030 misjuqa mill-konvenuta u ghal liema ncident il-konvenuta hija unikament responsabbli, u liema ncident sehh fil-5 ta' Jannar, 2003.
Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat fl-1 ta’ Novembru, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuta;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------